



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 3 ta' Mejju 2012 (04.05)
(OR. en)**

9498/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0097 (NLE)**

**EEE 46
TRANS 134
RECH 130**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	2 ta' Mejju 2012
Nru dok. Cion:	COM(2012) 195 final
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 (dwar il-kooperazzjoni foqasma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista stabbilita fl-Artikolu 101) għall-Ftehim ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2012) 195 final



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 30.4.2012
COM(2012) 195 final

2012/0097 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE**

**dwar emenda għall-Protokoll 31 (dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux
parti mill-erba' libertajiet) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista stabbilita fl-Artikolu 101) għall-
Ftehim ŻEE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà legali u l-omoġeneità meħtieġa tas-Suq Intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġislazzjoni rilevanti kollha tal-Unjoni Ewropea fil-Ftehim ŻEE malajr kemm jista' jkun wara l-adozzjoni tagħha u għandu jippermetti wkoll il-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA taż-ŻEE fl-azzjonijiet, fl-attivitajiet jew fil-programmi rilevanti tal-UE.

L-Artikolu 78 tal-Ftehim ŻEE jipprovdi li l-Partijiet Kontraenti għandhom isaħħu u jwessgħu l-kooperazzjoni fil-qafas tal-attivitajiet tal-Unjoni fl-oqsma ta', fost affarijiet oħrajn, ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mad-Deċiżjoni proposta tal-Kunsill) għandu l-għan li jemenda l-Protokoll 31 (dwar il-kooperazzjoni foqasma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista stabbilita fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE.

Dan jirrigwarda r-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea ta' Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS), li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Bl-iskop li jiġi implimentat dan l-att, qed jiġu proposti ċerti adattamenti:

- (a) Il-Liechtenstein la għandu jipparteċipa u lanqas għandu jikkontribwixxi finanzjarjament għall-Aġenzija GNSS,
- (b) Il-parteċipazzjoni tal-Islanda fil-programmi ta' GNSS għandha tiġi sospiża temporanjament, minħabba problemi ekonomiċi.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ŻEE jipprevedi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għal Deċiżjonijiet bħal dawn, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għal adozzjoni mill-Kunsill bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun fil-qagħda li tippreżentah fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE kemm jista' jkun malajr.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-
ŻEE
dwar emenda għall-Protokoll 31 (dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux
parti mill-erba' libertajiet) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista stabbilita fl-Artikolu 101) għall-
Ftehim ŻEE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 172 u 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994¹ dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ŻEE") fih dispożizzjonijiet u arranġamenti rigward kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet,
- (2) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim sabiex tinkludi r-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex tkun tista' sseħħ din l-estensjoni ta' kooperazzjoni. Fir-rigward tal-parteċipazzjoni tan-Norveġja, għandu jitqies ukoll f'dan ir-rigward il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u n-Norveġja³, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 dwar is-sigurtà. Minħabba problemi ekonomiċi, il-

¹ OJ L 305, 30.11.1994, p. 6 (mhux disponibbli bil-Malti).

² ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11.

³ ĠU L 283/12, 29.10.2010

parteċipazzjoni tal-Islanda fil-programmi ta' GNSS għandha tiġi sospiża temporanjament.

- (4) Biex il-Ftehim jiffunzjona tajjeb, il-Protokoll 37 ta' mal-Ftehim għandu jiġi estiż biex jinkludi lill-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għas-sistemi Ewropej ta' GNSS u l-Bord Amministrattiv stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 912/2010, u l-Protokoll 31 għandu jiġi emendat sabiex jispeċifika l-proċeduri għall-parteċipazzjoni,
- (5) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċizzjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Protokoll 31 u l-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċizzjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE meħmuż ma' din id-Deċizzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċizzjoni tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Abbozz (06.03.2012)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru

ta '

li temenda l-Protokoll 31 (dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista stabbilita fl-Artikolu 101) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jagħgħusta l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86, 98 u 101 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta'...¹
- (2) Il-Protokoll 37 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE Nru .../... ta'...²
- (3) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim sabiex tinkludi r-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.
- (4) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għallhekk jiġi emendat sabiex tkun tista' sseħħ din l-estensjoni ta' kooperazzjoni. Fir-rigward tal-parteċipazzjoni tan-Norveġja, għandu jitqies ukoll f'dan ir-rigward il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u n-Norveġja⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 dwar is-sigurtà. Madanakollu, minħabba problemi ekonomiċi, il-parteċipazzjoni tal-Islanda fil-programmi ta' GNSS għandha tiġi sospiża temporanjament.
- (5) Biex il-Ftehim jiffunzjona tajjeb, il-Protokoll 37 ta' mal-Ftehim għandu jiġi estiż biex jinkludi lill-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għas-sistemi Ewropej ta'

¹ ĠU L ...

² ĠU L ...

³ ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11.

⁴ ĠU L 283/12, 29.10.2010

GNSS u l-Bord Amministrattiv stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 912/2010, u l-Protokoll 31 għandu jiġi emendat sabiex jispeċifika l-proċeduri għall-partekipazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Artikolu 1 (Riċerka u żvilupp teknoloġiku) tal-Protokoll 31 għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test fil-paragrafu 8 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

- “(a) L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-siġh fl-Aġenzija Ewropea GNSS, minn hawn ’il quddiem “l-Aġenzija”, kif stabbilit bl-att tal-Unjoni li ġej:
- **32010 R 0912:** ir-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta’ strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta’ radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11).
 - (b) L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet msemmijin taħt (a) skont l-Artikolu 82(1)(a) tal-Protokoll 32 tal-Ftehim.
 - (c) L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-siġh, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija u Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà tal-Aġenzija.
 - (d) L-Aġenzija għandu jkollha personalità ġuridika. Hija għandha tgawdi fl-Istati kollha tal-Partijiet Kontraenti l-kapaċità l-iktar wiesgħa mogħtija lill-persuni legali skont il-liġijiet tagħhom.
 - (e) L-Istati tal-EFTA għandhom japplikaw lill-Aġenzija l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej.
 - (f) Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 12(2)(a) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta’ persunal ieħor tal-Komunitajiet Ewropej, ċittadini tal-Istati tal-EFTA li jgawdu d-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini jistgħu jiddaħħlu jaħdmu b’kuntratt mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija.
 - (g) Bis-saħħa tal-Artikolu 79(3) tal-Ftehim, il-Parti VII (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali) tal-Ftehim għandha tapplika għal dan il-paragrafu, bl-eċċezzjoni tat-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu 3.
 - (h) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għandu, għall-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament, japplika għal kull dokument tal-Aġenzija fir-rigward tal-Istati tal-EFTA wkoll.

(i) Fir-rigward tal-Islanda, dan il-paragrafu għandu jiġi sospiż sakemm jiġi deċiż mod ieħor mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.”

(j) Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal-Liechtenstein.”

2. Dan li ġej jiżdied mal-punt (a) tal-paragrafu 8a:

“, kif emendat permezz ta':

- **32010 R 0912**: ir-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11).”

Artikolu 2

Il-Protokoll 37 ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. It-testi tal-punti 30 u 31 għandhom jiġihassru.

2. Għandhom jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

‘34. Il-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà għas-sistemi Ewropej ta' GNSS (ir-Regolament (UE) Nru 912/2010).

35. Il-Bord Amministrattiv (ir-Regolament (UE) Nru 912/2010). ”

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim*.

Din għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, .

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

* [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]